**31 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Herbert Baldacchino bħala mandatarju ta' l-assenti Massimiliano Martone skond l-annessa prokura (Dok. A)

*versus*

Cecil Pace u Henry Pace f'isimhom proprju u Cecil Pace bħal direttur u għan-nom u in rappreżentanza ta' l-M.I.D.C.Ltd. u għall-interess li jista' jkollu Emmanuel E. Bonello bħala Kontrollur tas-soċjetà Malta & Europe Hotels Ltd. in rappreżentanza ta' l-istess

**Azzjonijiet f'Soċjetà Limitata - Proprjetà ta' - Sistema ta' Reġistrazzjoni - Pussess ta'**

*Talba għar-rikonoxximent ġudizzjarju ta' titolarjetà u proprjetà ta' azzjonijiet reġistrati f'isem l-attur f'soċjetà limitata. Il-Qorti sabet illi l-pussess ta' l-azzjonijiet manifestat bir-reġistrazzjoni fl-isimha mill-istess soċjetà huwa l-fattur deċiżiv u għalhekk irrikonoxxiet il-proprjetà ta' l-ishma ta' l-istess attur.*

Il-Qorti:-

Ikkunsidrat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-attur *nomine* fit-3 ta' Diċembru, 1993;

L-attur Massimiliano Martone jsostni li huwa l-azzjonist u l-proprjetarju ta' 9212 azzjoni ordinarja fis-soċjetà Malta & Europe Hotels Ltd. Il-proprjetà ta' dawn l-azzjonijiet ta' l-attur ġiet regolarment rikonoxxuta fil-kotba tas-soċjetà li tagħraf lilu bħala t-titolari ta' dawn l-azzjonijiet;

L-attur reċentement sar aċċidentalment jaf li l-konvenuti Pace għamlu ċitazzjoni numru 146/89JDC fl-ismijiet **Cecil Pace *pro et noe* vs Emanuel E. Bonello *pro et noe***, pendenti quddiem din il-Qorti, li biha qed jarrogaw xi pretensjonijiet fuq il-proprjetà ta' dawn l-azzjonijiet. Il-konvenuti Pace, mhux biss m'għamlux il-kawża tagħhom fil-konfront ta' l-esponenti, azzjonist rikonoxxut u reġistrat, imma anke opponew il-kjamata in kawża ta' l-esponenti, l-unika persuna interessata fl-eżitu ta dik il-kawża;

*L-allegazzjoni tal-konvenuti Pace hija qarrieqa, infondata,* doluża u bbażata fuq atti falsifikati;

L-attur irid li t-titolu tiegħu għall-azzjonijiet fl-imsemmija

jiġi rikonoxxut ġudizzjarjament u l-pretensjoni qarrieqa tal-konvenuti Pace tiġi ddikjarata frawdolenti u presegwibbli kriminalment. Il-konvenut Emanuel Bonello rrikonoxxa l-posizzjoni azzjonarja ta' l-awtur ta' l-attur wara indaġini uffiċjali, ordnata mill-Ministru tal-Finanzi li minnha rriżulta illi l-pretensjoni tal-konvenuti Pace kienet infondata u bbażata fuq dokumenti kriminalment falsifikati;

L-attur talab għalhekk li l-Qorti tiddikjara u tiddeċidi illi l-attur Massimiliano Martone huwa l-uniku azzjonista proprjetarju ta' l-azzjonijiet fis-soċjetà Malta & Europe Hotel Ltd;

Illi kull pretensjoni tal-konvenuti Pace rigwardanti l-proprjetà ta' dawn l-azzjonijiet tiġi ddikjarata infondata għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

U illi l-Qorti tordna l-proċeduri kriminali kontra l-konvenuti Pace personalment, skond l-artikolu 805 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Bl-ispejjeż;

Fin-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Bonello ppreżentati fit-8 ta' Marzu, 1994, huwa eċċepixxa:

Illi preliminarjament il-konvenuti Cecil Pace u Henry Pace ma għandhomx ir-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà MIDC Limited billi din tinvesti fil-Kontrollur tagħha li huwa l-esponenti;

Inkwantu jirrigwarda l-allegazzjonijiet attriċi u t-talbiet relattivi, huwa ddikjara li sejjer jimxi skrupolożament ma' dak

li sejra tgħid is-sentenza definittiva ta' dawn il-Qrati;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Fin-nota ta' eċċezzjonijiet tat-23 ta' Marzu, 1994 il-konvenuti Cecil Pace u Henry Pace eċċepew:

Illi l-attur m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-konvenuti *nomine* li għalhekk għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Inkwantu t-talbiet attriċi huma diretta kontra l-konvenuti personalment dawn ma jreġġux fil-konfront tagħhom, billi m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-konvenuti personalment;

Kull ma għamlu l-esponenti għamluh fil-kapaċità tagħhom bħala rappreżentanti u għan-nom tas-soċjetajiet tagħhom u kwindi personalment ma jistgħu qatt jiġu kkundannati u għalhekk għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Sussidjarjament u bla preġudizzju għal premess, illi inkwantu l-azzjoni hija proposta mill-attur kontra l-eċċipjenti din ma tistax treġi billi l-attur mhux il-leġittimu kontradittur ta' l-esponenti;

Bla preġudizzju għal premess, l-attur m'għandux dritt jistitwixxi din il-kawża kontra l-eċċipjenti;

Inoltre, l-attur m'għandu l-ebda interess ġuridiku f'din il-kawża billi m'għandu l-ebda titolu legali u validu skond il-liġi;

L-allegat bejgħ ta' ishma li jappartjenu lill-eċċipjenti

*nomine* u mhux lil Michele Martone, irendi l-allegat trasferiment ta' l-ishma minn Michele Martone lill Massimiliano Martone bħala null u bla effett skond il-liġi;

L-attur huwa sempliċement id-detentur in malafede ta' dokument ta' allegat trasferiment lilu ta' ismha minn Michele Martone li kemm ix-xerrej u ċjoè l-attur stess kif ukoll il-bejjiegħ, meta saret din l-allegata transazzjoni kienu jafu ben tajjeb li proprju l-proprjetà ta' dawk l-istess ishma kienet rigorosament kontestata mill-eċċipjenti *nomine*;

Il-pretensjoni ta' l-attur hija nfondata u ma treġix, billi hija bbażata fuq l-allegat trasferiment ta' l-ishma ta' Ghidoli u Delle Piane lil Michele Martone fl-20 ta' Settembru, 1972, li huwa ukoll null u bla effett skond il-liġi, stante li l-istess bejjiegħa Ghidoli u Delle Piane kienu ġà ttrasferew l-istess ishma lill-eċċipjenti *nomine* żmien twil qabel u Delle Piane u Ghidoli kienu saħansitra obbligaw ruħhom fil-kuntratt tat-2 ta' Diċembru, 1970 fil-klawsola 8 "*a tenere tutte le loro azioni argomento di questo contratto libere di ogni pegno, peso, garanzia od altro per la durata di questo contratto*" u f'kuntratt sussegwenti tal-25 ta' Frar, 1972, Ghidoli u Delle Piane ddikjaraw li kienu ġà kkonsenjaw lill-esponenti *nomine* "*il modulo di vendita delle loro azioni come pure una parte dei share certificates delle azioni che a loro appartengono, e si obbligano di consegnare la rimanente parte dei loro share certificates entro un mese*";

Il-pretensjoni ta' Michele Martone/Massimiliano Martone hija qarrieqa, infondata, doluża u bbażata fuq atti falsifikati;

It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt bħalma jiġi faċilment ippruvat matul il-kawża u għalhekk għandhom jiġu miċħuda;

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Kummerċ fit-2 ta' Marzu, 1994, ġie maħtur l-Avukat Dr. Vincent Falzon, bħala Imħallef Supplenti biex jisma' x-xhieda ta' l-Avukat Michele Martone;

B'digriet ta' l-14 ta' Marzu, 1994, dan ġie sostitwit bl-Avukat Dottor Eric Sammut;

Fit-28 ta' Novembru, 1994 ġie nnominat bħala perit legali Dr. Tonio Mallia;

Fit-2 ta' Diċembru, 1996 deher il-perit legali li ħalef ir-rapport. Il-Perit Legali qal li eżamina l-atti kollha tal-kawża u illi l-provi miġbura f'din il-kawża huma voluminużi, iżda huwa jħoss li, kif żvolġew iċ-ċirkostanzi, ħafna mix-xhieda mhix daqshekk importanti għas-soluzzjoni tal-kwistjoni tal-meritu tal-kawża u għalhekk, fid-dawl tal-fatti, il-perit legali għadda mill-ewwel għall-konsiderazzjonijiet tiegħu fuq il-kwistjoni dwar min għandu jitqies proprjetarju ta' l-ishma in kwistjoni fil-kumpannija Malta & Europe Hotels Limited;

L-azzjoni intentata mill-attur hi intiża għall-otteniment ta' dikjarazzjoni illi huwa hu l-azzjonist fis-soċjetà Malta & Europe Hotels Limited u mhux il-konvenuti aħwa Pace. Kemm l-attur kif ukoll l-aħwa Pace jippretendu li huma akkwistaw l-azzjonijiet li kellu Antonio Ghidoli fl-imsemmija kumpannija. Dan ifisser li ż-żewġ partijiet qed jirreklamaw drittijiet fuq l-istess oġġett ċjoè l-azzjonijiet ta' l-imsemmi Ghidoli;

Il-perit legali għamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

Skond l-artikolu 315 (a) tal-Kodiċi Ċivili, azzjonijiet f'kumpannija kummerċjali huma mobbli bis-saħħa tal-liġi. Issa, skond l-artikolu 997 ta' l-istess Kodiċi Ċivili, meta hemm pretensjoni minn żewġ persuni fuq l-istess oġġett, mobbli di

natura, dak li jakkwista pussess ta' l-oġġett in bona fede, jitqies titulari ta' l-istess oġġett. Dan il-prinċipju ġie estiż mill-Qrati tagħna anke għall-każijiet ta' drittijiet personali ta' tgawdija. (*vide* **England** ***vs*** **Gauci Borda**, App. 24.05.1968);

Il-Perit Legali kien tal-fehma li dan il-prinċipju għandu japplika ukoll fil-kuntest ta' drittijiet naxxenti minn ishma f'kumpannija, li huma ukoll drittijiet personali u mhux reali. F'każ ta' ishma, hu ovvju li, wieħed ma jistax jitkellem minn pussess materjali ta' l-azzjoni, però, dan il- "pussess" jista' jiġi akkwistat meta titolari ta' azzjoni jiġi reġistrat fil-kotba tal-kumpannija bħala azzjonist;

Dan il-prinċipju hu simili għal dak li jeżisti fl-Ingilterra. Il-Gower "*The Priniple of Modern Company Law*" (3rd Edition, paġ. 403) jgħid illi "*where the equities are equal, the first to register a valid transfer acquires priority*". L-istess awtur irrefera għas-sentenza tal-Qorti Ingliża fil-kawża **Colonial Bart** ***vs*** **Cady** (1890) fejn Lord Watson osserva li reġistrazzjoni u pussess ta' *share certificates* jagħtu "*a title, legal and equitable, which will enable the holder to rest himself with the shares without risk of his right being defeated by any other person deriving title from the registered owner*";

F'dan il-każ huwa l-attur li huwa reġistrat bħala azzjonist fl-imsemmija kumpannija, tant li nħariġlu ċertifikat mill-Kontrollur ta' l-istess kumpannija. Għalhekk, anke jekk jista' jingħad li ż-żewġ partijiet akkwistaw ix-*shares* ta' Ghidoli, l-attur, bħala r-*registered shareholder*, għandu l-prijorità u dritt legali fuq dawn l-azzjonijiet;

Dawn il-prinċipji però, jiddependu fuq il-fatt li r-*registered shareholder* ikun akkwista tajjeb. Kif ikompli jgħid il-Gower: (p. 405) "*registration alone is not conclusive, but*

*only prima facie evidence of title ... In other words, there must have been a valid transfer of the legal interest before the person who has secured registration has an impeccable title".* Għalhekk dak li għandu jiġi kkunsidrat fl-ewwel lok f'din il-kawża huwa jekk l-attur kellux *a valid transfer*, jekk kien hemm trasferiment validu, dik iċ-ċirkostanza, flimkien mal-fatt ta' reġistrazzjoni, tagħti titolu definittiv lill-attur, u dan indipendentement minn jekk il-konvenuti għandhomx huma titolu validu jew le;

Fi kliem ieħor, la darba l-attur għandu l- "pussess ta' l-ismha", m'għandux isir eżami komparattiv tad-drittijiet rispettivament reklamati mill-partijiet, iżda għandu jiġi eżaminat it-titolu ta' l-attur u jekk dan it-titolu hu validu, il-kwistjoni tieqaf hemm, u d-dritt reklamat mill-attur jiġi affermat;

Fl-1974 l-avukat Maronte sar *shareholder* tal-kumpannija Malta & Europe Hotels Limited billi akkwista *share* wieħed mingħand ċertu J. Zammit. Minn dak il-mument, daħal in effett il-ftehim li l-Avukat Martone kellu Ghidoli biex jakkwista l-ishma li dan kellu fl-istess kumpannija;

L-Avukat Martone talab li jiġi reġistrat bħala titolari ta' dawk l-ishma li kien akkwista. Eventwalment, din it-talba ġiet aċċettata. Din it-talba ma kinitx aċċettata mal-ewwel billi fil-frattemp, kienet saret talba oħra għar-reġistrazzjoni bħala azzjonisti mingħand il-konvenuti aħwa Pace. Il-Kontrollur ta' l-imsemmija kumpannija għamel l-indaġini interni tiegħu u ddeċida li jirreġistra l-pretensjoni ta' l-Avukat Martone;

Għalhekk jidher ċar li l-Avukat Martone kellu favur tiegħu *a valid transfer of the legal interest*, li ġiet reġistrata mill-kumpannija. It-titolu ta' l-Avukat Martone hu għalhekk

insindakabbli. Dan ma jfissirx li l-konvenuti m'għandhomx rimedju, iżda dan ir-rimedju għandu jiġi mfittex fil-konfront ta' l-azzjonist li allegatament għadda x-*share* tiegħu darbtejn. L-esponenti perit legali ma jgħidx fir-rapport tiegħu li l-konvenuti Pace għandhom *a valid transfer of legal interest* għax fl-opinjoni tiegħu mhuwiex meħtieġ f'din il-kawża li jiġi deċiż jekk l-aħwa Pace għandhomx titolu validu jew le, però jekk huma jippretendu li għandhom titolu validu, la darba dan it-titolu ma ġiex reġistrat f'isimhom, kwalunkwe pretensjoni għaddanni għandha tiġi indirizzata lejn l-awtur tagħhom;

Meta l-Avukat Martone akkwista l-ishma in kwistjoni, ma rriżultax lill-perit legali li l-istess Avukat Martone kien in mala fede, għax l-iskritturi jidhru ġenwini u ma hemmx prova konkreta li dawn mhumiex veritieri għalkemm il-konvenuti Pace ppruvaw jitfgħu xi dubbji f'dan ir-rigward. L-aħwa Pace jallegaw li l-Avukat Martone kien jaf li l-azzjonijiet ġew assenjati lilhom, tant li l-istess Avukat Martone kien xhud tal-firma fuq dokument ta' trasferiment;

L-Avukat Martone jispjega li sussegwentement għal din l-iskrittura, f'laqgħa li kellu mal-konvenuti, dawn ma urewx aktar interess fl-akkwist ta' l-ishma u qablu li l-kuntratt jiġi maħlul. Il-konvenuti Pace jallegaw li qatt ma sar dan il-qbil, tant li anke għamlu rapport lill-pulizija biex dawn jipproċedu kontra l-Avukat Martone fuq falsifikazzjoni ta' dokumenti. Il-pulizija ħadet passi, però, il-Qorti tal-Maġistrati ma sabet ebda prova ta' falsifikazzjoni u b'sentenza li tat f'Settembru ta' l-1996, illiberat lill-Avukat Martone minn kull imputazzjoni ta' ħtija. Għalhekk, l-allegazzjoni ta' malafede ma ġietx sostenuta. Lanqas ma kienet in malafede l-kumpannija meta aċċettat li tirreġistra t-*transfer*, għax dan għamlitu wara li kkummissjonat studju minn avukat. Eventwalment, l-Avukat Martone għadda x-*shares* tiegħu fuq ibnu l-attur, li, għalhekk għandu jitqies bħala titolari tagħhom;

Fl-aħħarnett l-esponenti qal li deċiżjoni fuq il-meritu tal-kawża ma ħtiġitx eżami ta' l-aġir tal-konvenuti Pace u għalhekk huwa ma kienx f'posizzjoni li jagħti parir fuq it-tielet talba ta' l-attur biex jittieħdu passi kriminali kontra l-aħwa Pace;

Il-perit legali kien għalhekk ta' l-opinjoni li l-ewwel żewġ talbet ta' l-attur *nomine* kellhom jiġu milqugħa filwaqt li, għar-rigward tat-tielet talba, l-esponenti mhux ser jieħu konjizzjoni ta' l-istess;

B'nota tat-3 ta' Diċembru, 1996, Emanuel Bonello *nomine* talab li jinħatru periti addizzjonali peress li ħassu aggravat mir-rapport tal-perit legali Dr. Tonio Mallia;

Fis-17 ta' Marzu, 1997, il-Qorti ċaħdet it-talba għan-nomina ta' periti addizzjonali, għar-raġunijiet mogħtija f'dan id-digriet prinċipalment però għax il-Qorti dehrilha li hija fuq punti purament legali ma kellhiex bżonn l-assistenza u l-pariri ta' erba' periti;

B'nota ta' kritika tal-25 ta' April, 1997, il-konvenuti Pace esponew illi l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali fir-relazzjoni tiegħu huma inapplikabbli, peress illi jistrieħu fuq żewġ elementi li huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Huma jsostnu:

L-attur akkwista manifestament in mala fede; u

Michele Martone ma kellux titolu validu peress illi t-trasferiment kien invalidu billi Ghidoli u Delle Piane (il-vendituri) kienu diġà biegħu u ttrasferew legalment lill-konvenuti li kienu akkwistaw l-ishma - fatt li Martone kien jaf

bih peress li kien l-avukat tal-vendituri *fiż-żmien* *tat-trasferiment* lill-konvenuti u kien ukoll xhud u firmatarju kemm fil-kuntratt ta' trasferiment kif ukoll fix-*share transfer certificates*;

L-aggravju tal-konvenuti jikkonsisti filli l-perit legali llimita ruħu biss biex jikkunsidra li jekk kien hemm trasferiment validu din iċ-ċirkostanza flimkien mal-fatt tar-reġistrazzjoni tagħti titolu definittiv lill-attur u dana indipendentement jekk il-konvenuti għandhomx huma ukoll titolu validu jew le;

Għalhekk il-konvenuti ma qablux mal-perit legali fejn sostna li t-titolu ta' l-Avukat Martone huwa insindakabbli, għaliex kellu favur tiegħu *a valid transfer of the legal interest*, li ġiet reġistrata mill-kumpannija. Ukoll, skond il-konvenuti jirriżulta li kemm Michele Martone kif ukoll Massimiliano Martone kienu in mala fede meta fiż-żmien li kien hemm kontestazzjoni quddiem il-Qrati mill-esponent li Martone kienu jafu biha, dwar lil min jappartjenu l-ismha in kwistjoni, sar trasferiment ta' dawn l-ishma minn Michele Martone lil ibnu Massimiliano Martone;

Ir-reġistrazzjoni ta' l-ishma f'isem l-attur Massimiliano Martone ma kinitx valida u wisq anqas it-transferiment ta' dawn l-ishma minn Michele Martone lill-attur f'dawn iċ-ċirkostanzi billi kien hemm proċeduri *sub judice* u l-istess ishma kienu diġà ġew trasferiti lill-konvenuti minn Ghidoli u Delle Piane qabel l-allegat trasferiment lil Michele Martone;

Fl-istess nota ta' kritika l-konvenuti jikkritikaw bl-aħrax ir-rapport li kien sar mill-Avukat Dr. Tonio Farrugia u li ġie pprezentata fl-10 ta' Mejju, 1988, wara li dan kien ġie inkarigat mill-Ministru tal-Finanzi ta' dak iż-żmien, biex jipprepara rapport konfidenzjali dwar il-qagħda ta' l-ishma in kwistjoni;

Il-konvenuti jikkommentaw ukoll fuq il-proċeduri kriminali li kienu ttieħdu kontra Martone u sostnew illi kien evidenti illi Martone ma kienx akkwista tajjeb, ma kellux u ma għandux trasferiment validu, u għalhekk lanqas kellha tidħol il-kwistjoni tal-pussess ta' l-ishma;

Inoltre, dwar il-kwistjoni tal-pussess huwa evidenti li l-konvenuti kienu ngħataw il-pussess ta' l-ishma minn Ghidoli u Delle Piane meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' trasferiment. Il-konvenuti kienu ingħataw ix-*share transfers* iffirmati mill-vendituri u saħansitra huma ingħataw żewġ prokuri biex l-avukat tagħhom ikollu s-setgħa u d-dritt li jinvoka fil-laqgħat kollha ġenerali tal-kumpannija bħala azzjonista maġġoritarja, liema prokuri qatt ma ġew irrevokati;

Kien ċar għalhekk li l-konvenuti *nomine* kellhom il-pussess ta' l-ishma mhux Martone;

Huma komplew jissottomettu illi l-firma ta' l-allegat venditur Ghidoli fix-*share transfer form* datat 20 ta' Settembru, 1972 favur Martone ġie fabbrikat u falsifikat minn Michele Martone u għandu jiġi nvestigat u eżaminat bħala tali;

Għal aktar dettal ta' l-istess nota ta' kritika l-Qorti tirriferixxi għall-atti proċesswali. Il-konvenuti però jikkonkludu billi jgħidu li minħabba l-provi konkreti prodotti minnhom, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha u ta' l-inkonsistenzi fil-versjoni ta' Martone fuq bilanċ ta' probabilitajiet, jidher ċar li l-pretensjonijiet tal-konvenuti *nomine* huma fondati u li d-depożitanti u l-kredituri fil-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u l-kumpanniji assoċjati u partikolarment MIDC Limited għandhom jieħdu l-frott ta' l-investiment tagħhom u ma għandhomx jiġu miċħuda mid-drittijiet ta' l-istess;

L-attur ukoll għamel nota ta' osservazzjonijiet fit-12 ta' Ġunju, 1979. Ukoll fir-rigward ta' din in-nota għal dettal preċiż issir referenza għall-istess nota fl-atti proċesswali. Huma però jgħidu li jaqblu perfettament mar-relazzjoni tal-perit legali u jsostnu li l-Qorti għandha ssegwi dina r-relazzjoni;

Jgħidu però li l-fatt li l-azzjonijiet ġew f'idejn l-attur kien wara li huwa għamel talba biex jiġi reġistrat bħala azzjonist ta' l-ishma. Il-Kontrollur tal-Bical ma qabadx u laqa' din it-talba u biex ikun żgur li l-affarijiet isiru sew, il-Ministru ta' dak iż-żmien kien talab rapport dettaljat lill-Avukat Tonio Farrugia. Dan ta' l-aħħar kien wasal għall-konklużjoni li l-azzjonijiet kienu ta' Martone;

L-attur imbagħad ikompli jispjega għax fil-fehma tiegħu l-azzjonijiet huma tiegħu. Fl-ewwel lok u fit-tieni lok għax l-azzjonijiet ma jistgħux ikunu ta' l-MIBC Limited. Dwar kif l-azzjonijiet ma jistgħux ikunu ta' l-MIBC Limited l-attur qal li *skond l-istatut tal-Malta & Europe Hotels Limited* it-trasferiment tax-*shares* jista' liberament isir biss bejn azzjonisti eżistenti. Jekk azzjonist eżistenti jrid jittrasferixxi x-*shares* tiegħu lil *non-member*, irid bilfors isegwi l-*iter* stabbilit mill-*Articles of Association*, ċjoè l-ewwel joffri lill-azzjonisti *eżistenti;*

Għalhekk l-ewwel ma trid tipprova l-MIDC Ltd. hi li meta (allegatament) akkwistat ix-*shares* mingħand Ghidoli u Delle Piane, dan setgħet tagħmlu għax ġà kienet *registered shareholder* fis-soċjetà. L-MIDC Ltd. qatt ma kellha ebda azzjoni tal-Malta & Europe Hotels Ltd. reġistrata f'isimha, għalhekk dan l-ewwel rekwiżit fondamentali rikjest biex hija setgħet issir il-proprjetarja ta' l-azzjonijiet ta' Ghidoli u Delle Piane kien assenti;

Dan għaliex l-allegat trasferiment ta' żewġ azzjonijiet, allegatament magħmul minn ċertu Anthony Borg favur l-MIDC Ltd. ma ġie qatt approvat jew reġistrat;

Billi l-MIDC Ltd. qatt ma akkwistat *shares* fil-Malta & *Europe Hotels Ltd. din qatt ma setgħet takkwista shares* direttament mingħand Ghidoli u Delle Piane għax dak it-trasferiment kien in vjolazzjoni ta' l-istatut tas-soċjetà;

L-attur ikompli jsostni li x-*shares* li allegatament qed jgħidu l-konvenuti li kienu akkwistaw kienu ġew trasferiti lil Adelphi Investments Ltd. u fil-kuntest ta' dan it-trasferiment kienu ġew ikkonsenjati *share transfers* in parti in bjank;

Kienu dawn ix-*share transfers* intiżi għat-trasferiment lil Adelphi Investments Limited li jsostni l-attur ġew falsifikati mill-aħwa Pace u kienu t-trasferimenti li huma qed jallegaw kienu ġew mgħoddija f'isimhom;

L-attur isaqsi il-għala, kieku verament ix-*shares* kienu qatt ġew trasferiti lill-aħwa Pace jew lill-MIDC Ltd., kif dawn qatt ma kienu talbu biex dawn jiġu reġistrati, fi żmien mhux suspett?

Finalment l-attur ikkonkluda billi qal li l-fatti kollha juru li għal snin l-Avukat Martone iddedika l-eżistenza tiegħu esklussivament għas-salvataġġ tal-Lukanda Excelsior u minħabba l-flus li ħareġ u x-xogħol li għamel kien kreditur ta' ċirka sitt mitt miljun lira Taljani u b'hekk mhux kif jgħidu l-konvenuti li kien kreditur żgħir;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-każ jemerġu b'mod suffiċjentement ċar mill-

esposizzjoni preliminari li saret f'din il-kawża;

Ċertu ismha fil-Malta & Europe Hotels Limited, effettivament għal preċiżjoni 9212 *Ordinary Shares* ta' Lm50 kull wieħed, ġew allegatament ittrasferiti sew lill-Avukat Michele Martone sew lis-soċjeta konvenuta M.I.D.C. Limited. Huwa ukoll paċifiku li t-tieni trasferiment (u dana apparti mill-kwistjonijiet dwar il-validità tiegħu) u ċjoè dak favur M.I.D.C. Limited, kien anteċedenti l-ewwel wieħed. Michele Martone sussegwentement fis-27 ta' Mejju, 1991 ittrasferixxa l-ishma li kien akkwista (hawn ukoll *f'dan l-istadju bla preġudizzju għal* validità o meno ta' l-akkwist tiegħu) lil Massimiliano Martone. Din l-iskrittura jew aħjar kopja awtentika tagħha hija esebita bħala Dok. B a fol. 6 tal-proċess. Fuq dan it-trasferiment tħallas il-boll relattiv li fih innifsu jwassal ukoll għall-konklużjonijiet legali li jiswa li jiġu menzjonati f'dan l-istadju b'kwotazzjoni minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-20 ta' Diċembru, 1946:

**"Meta persuna tittrasferixxi soċjetà u ssir soċju fiha u għalhekk tiġi mogħtija azzjoni fis-soċjetà, il-kuntratt li bih issir is-sottoskrizzjoni u *tiġi mogħtija l-azzjoni* għandu jsir bil-miktub u ma jkunx jiswa legalment u ma jkunx produċibbli f'ġudizzju qabel ma jkun debitament bollat, skond ma tiddisponi l-Ordinanza tal-Bolli;**

**Dan *jingħad* anke *għal każijiet fejn l-azzjonista ma* jkunx għadu ħallas is-somma kollha sottoskritta u ma jkunx għadu ħallas l-azzjoni" (Edward George Arrigo *nomine vs* Professur Dr. Vincenzo Gatt *nomine*);**

B'ċertifikat li jġib in-numru 295 u maħruġ *mill*-Kontro*llur* tas-soċjetà Malta & Europe Hotels Limited fit-18 ta' Lulju, 1990 jemerġi illi l-istess Massimiliano Martone ġie reġistrat bħala d-detentur (*holder*) ta' 9212 ishma fuq imsemmija fl-

istess soċjetà;

Ma jidhirx lanqas li huwa kkontestat li din ir-reġistrazzjoni saret wara li l-Ministru tal-Finanzi ta' dak iż-żmien kien ikkommissjona rapport dwar il-pretensjonijiet eżistenti fuq dawn l-ishma, liema rapport kien sar mill-Avukat Dottor Tonio Farrugia. Il-Kontrollur mexa fuq dan ir-rapport u rreġistra l-ishma kif propost;

"***The undersigned is of the opinion that this share transfer is authentic and there is no obstacle for it to be accepted by the comptroller and the said Avvocato Martone registered as the actual share holder of the said 4611 shares***" (Kwotazzjoni mir-rapport ta' Dr. Tonio Farrugia, paġna 26);

Il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax ma tirrimarkax illi kien ikun ferm aktar prudenti li kieku l-istess kontrollur stenna l-eżitu tal-kawża fl-ismijiet **Pace *vs* Bonello** f'liema kawża kien konvenut *nomine* (Ċitaz. nru. 146/89) u liema kawża ġiet proposta qabel ir-reġistrazzjoni milli mexa fuq parir mogħti minn avukat minkejja illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni li tiddubita l-objettività u imparzjalità tiegħu;

Il-Kontrollur forsi ma kienx jaf illi f'din il-materja kif sejjer jiġi argumentat aktar tard f'din is-sentenza, il-fatt tar-reġistrazzjoni tbiddel il-folja u, mil-lat legali, tagħti tifsira diversa lill-vertenza preżenti, milli kieku kien ikun il-każ mingħajr din ir-reġistrazzjoni;

Dan il-fatt meħud mal-mod ta' kif huma proposti t-talbiet attriċi iwasslu lill-Qorti li taqbel mal-parir mogħti mill-perit legali, li, minkejja l-kwantità ta' provi miġbura f'din il-kawża, is-soluzzjoni tagħha hija waħda prattikament purament legali;

Fil-kamp tal-provi u ta' l-argumentazzjoni legali, però, u qabel ma jiġi eżaminat dak li, fil-fehma ta' din il-Qorti, huma l-prinċipji tal-liġi applikabbli għal każ preżenti, din il-Qorti trid taċċenna għal xi osservazzjonijiet magħmula fis-sottomissjonijiet tal-partijiet partikolarment fin-nota ta' kritika tal-konvenuti;

Ir-referenza għal klawsola 8 tal-ftehim favur il-konvenuti, li għalih saret referenza hija *intiża biex fil-każ ta' bejgħ* eventwali, l-ishma jkunu liberi u franki minn kull piż. Din il-klawsola ma tfisser xejn ħlief is-solita garanzija tal-paċifiku pussess li jingħata ma' kull bejgħ u li kull xerrej ġustament jinsisti għaliha u rarament jaċċetta li jixtri mingħajrha sakemm ma jkunx hemm aġġustament fil-prezz tal-bejgħ biex jikkompensa għal konsegwenza ta' nuqqas ta' din il-garanzija;

Il-falsifikazzjoni tal-firma ta' Ghidoli fit-trasferiment favur Martone ma ġietx ippruvata. *Din il-Qorti żgur ma tistax* tikkonverti ruħha f'Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija bħala Qorti inkwerenti biex tindaga din l-allegazzjoni. Kien jispetta lill-konvenuti jippruvaw dan l-egħmil;

**"L-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat"** (subartikolu (2), artikolu 981, Kap. 16). L-istess irid jingħad għall-allegazzjoni l-oħra ta' mala fede li saret fil-konfront ta' l-attur. Dan kellu jiġi ppruvat mill-konvenuti. Ħaġa li fil-fehma tal-Perit Legali li *sema'* ħafna *mill-provi viva voce* ma rriżultatx kif lanqas ma rriżulta lil din il-Qorti minn eżami akkurat tal-provi miġbura;

Skond il-konvenuti din l-allegazzjoni kienet tiġi ssostanzjata bix-xhieda ta' Nadia Delle Piane u binha Alessandro Ghidoli, però l-attur, għax forsi hekk kien konvenjenti għalih, ma ressaqx din ix-xhieda. *Ukoll* bir-rispett

kollu lejn l-istqarrija tal-konvenuti, kien jispetta lilhom biex iressqu ix-xhieda biex jippruvaw it-teżi tagħhom;

It-trasferiment lil Massimliano Martone huwa relevanti biss mil-lat purament legali għax kien hu li kien reġistrat bħala soċju. Il-kontestazzjoni prinċipali tirrigwarda l-mod kif Michele Martone akkwista l-ishma u mhux it-trasferiment lil ibnu ħlief għal fatt li dan it-tieni trasferiment sar wara li inbdew il-proċeduri msemmija mill-konvenuti fil-kawża **Pace *vs* Bonello** (Ċitaz. 146/89) fuq imsemmija. Minkejja l-kontestazzjoni ġudizzjarja jekk Michele Martone kellu dritt fuq l-oqsma, dan id-dritt seta' jgħaddih lil ibnu ukoll, jekk dan id-drit kien wieħed kontestat. Il-kwistjoni kellux jiġi reġistrat dan id-dritt kontestat li Massimiliano Martone akkwista mingħand l-aventi kawża tiegħu, hija materja li din il-Qorti ġà għamlet aċċenn għaliha. Bħala fatt però dan id-dritt ġie reġistrat u allura jrid jiġi eżaminat x'konsegwenzi legali għandha dina r-reġistrazzjoni, dejjem jiġi ripetut, fil-parametri tat-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

L-artikolu 315, subinċiż (2) hekk jipprovdi fejn jitkellem dwar l-oġġetti li huma mobbli għaliex hekk tqishom il-liġi;

**"L-azzjonijiet jew interessi f'soċjetajiet kummerċjali jew industrijali ukoll jekk dawn is-soċjetajiet ikollhom beni immobbli tagħhom: f'dan l-aħħar każ dawn l-azzjonijiet jew interssi jitqiesu mobbli għal kull wieħed mis-soċji u għal żmien biss li tibqa' s-soċjetà"**;

Imbagħad l-artikolu 997 ta' l-istess Kodiċi Ċivili jipprovdi:

**"Jekk il-ħaġa illi persuna b'konvenzjonijiet waħda wara l-oħra tkun intrabtet li tagħti jew li tikkonsenja lil**

**żewġ persuni jew iżjed tkun mobbli minnha nfisha jew titolu għal portatur, il-persuna li *lilha tkun ġiet konsenjata u illi* tkun akkwistat bona fidi hija preferita għal oħra jew għal oħrajn u għandha l-jedd iżżomma għalkemm it-titolu ta' l-akkwist tagħha jkun wara fid-data";**

Dawn iż-żewġ artikoli li ġew ukoll *menzjonati* mill-Perit Legali ġew ukoll inkorporati fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna;

Hekk per eżempju fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fit-8 ta' Marzu, 1976 u kkonfermata fl-Appell fl-24 ta' Marzu, 1978 fl-ismijiet **England *vs* Gauci Borda** *et*, ġie ritenut illi:

**"Il-prinċipju konsagrat mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fil-każ ta' lokazzjoni suċċessivi ta' l-istess fond lill-inkwilini diversi huwa illi ġaladarba l-lokazzjoni hija dritt personali l-inkwilin li jiġi immess fil-pussess u godiment tal-fond lokat in bona fede, huwa preferit għal dak li tkun saritlu lokazzjoni ta' l-istess fond *mingħajr ma jkun* ġie immess fil-godiment tiegħu";**

U aktar tard:

**"Il-bona fede hija preżunta u *konsegwentement* huwa min jallega n-nuqqas tagħha li għandu d-dmir jipprova l-mala fede";**

Huwa minnu illi din is-sentenza tittratta lokazzjonijiet suċċessivi, però l-prinċipju b'analoġija għandu japplika għad-drittijiet personali kollha fejn huma nvoluti mobbli;

Huwa għalhekk prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza

tagħna, fejn si tratta ta' drittijiet personali u mhux reali illi f'każ ta' drittijiet konkorrenti, id-dritt ta' dak immess fil-pussess l-ewwel għandu jipprevalixxi fuq l-ieħor anke jekk dak ikun posterjuri;

Punti saljenti oħra f'din il-materja li tittratta dwar ishma f'soċjetajiet *Limited Liability Companies* huwa illi d-dottrina Anglo-Sassona hija d-dottrina li għandha tigwida l-interpretazzjoni tal-liġi tagħna li hija fil-fatt immodellata fuq il-prinċipju ta' dik is-sistema legali;

F'dik is-sistema il-pussess li huwa relevanti, vis-a-vis il-kumpannija, huwa dik tal-persuna li tkun ġiet irreġistrata fl-ishma mill-istess soċjetà u minkejja illi *share transfer* seta' ta *a beneficial ownership* dan ma kienx suffiċjenti. Hekk per eżempju il-Gower - *Gower's Principle of Modern Company Law - Fourth Edition*, f'paġna 454:

"... ***does not become a member or shareholder until the transfer is registered. Moreover it is the policy of our company law that the company shall not be concerned with the beneficial ownership but shall only be bound or entitled to recognize the person whose name is on the register***";

Fl-istess sens *Pennington's Company Law; Fourth Edition*, fil-paġna 296:

"***The Legal title to the share is vested in the person entitled to it either by allotment by the company or by a transfer from a former holder, but if all the legal rights, in respect of the share are to be enjoyed by that person, the company must have registered him as a holder of it in the company's register of members***";

Hekk ukoll fit-tieni edizjoni tal-ktieb *Company Law - Questions and Answers - Griffiths & Gregory 2nd Edition*, fejn jgħidu:

***"The key to the system of transferibility of shares is the register of members kept by a company. Entry on the register completes the biased item and makes him a "member"";***

Jasal għall-istess konklużjoni l-Professur Joseph Micallef fil-ktieb tiegħu *The European Company - a Comparative Study with the English & Maltese Company Law*;

Jidher għalhekk, illi huwa paċifiku li fis-sistema legali tagħna l-kwistjoni tal-pussess u t-tgawdija ta' dan id-dritt personali ma jappartjenix lil min għandu ix-*share certificate* biss f'idejh iżda lil min għandu *share certificate* li ġiet reġistrata mill-kumpannija;

Minn dan l-eżami jidher illi anke jekk il-konvenuti ma jaqblux mal-perit legali fil-parir mogħti minnu, li trasferiment validu mar-reġistrazzjoni jagħti titolu insindakabbli , fil-każ preżenti u fil-parametri ta' l-azzjoni preżenti din hija l-liġi korretta sew kif enunzjata b'analoġija ma' ġurisprudenza lokali sew kif spjegata fil-liġi Ingliża;

Stabbilit dan il-fatt pero', irid jiġi eżaminat kif u safejn għandhom jiġu milqugħa t-talbiet attriċi fil-kawża odjerna li hija posterjuri għal kawża l-oħra (Ċitaz. nru. 146/89) li għada pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta;

F'dik il-kawża, il-konvenuti bħala atturi, sew personalment sew *nomine*, qegħdin jattakkaw ir-reġistrazzjoni li saret mill-Kontrollur fil-konfront ta' l-attur f'din il-kawża u dana apparti mir-reklam għad-danni;

Huwa ovvju għalhekk illi bejn dawn iż-żewġ kawżi teżisti jekk mhux konnessjoni fis-sens purament legali, ċertu affinita li tista' taffettwa diversi mill-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti u anke uħud mit-talbiet attriċi;

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex:

Tiċħad l-ewwel ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuti *proprio et nomine*. L-azzjoni fil-kawża l-oħra fuq ċitata ġiet proposta mill-konvenuti bħala atturi sew f'isimhom proprju u sew minn Cecil Pace għan-nom tas-soċjetà M.I.D.C. Limited. L-attur f'din il-kawża għalhekk kien ta' bilfors kostrett jindika lill-istess bħala konvenuti. Ir-relazzjoni ġuridika għalhekk tal-konvenuti fil-veste personali tagħhom ġiet indikata minnhom stess fil-kawża preċedenti;

Tiċħad is-sitt eċċezzjoni. Huwa ovvju li din is-sentenza stess għandha tindika l-interess ġuridiku ta' l-attur;

Fil-konfront tat-talbiet attriċi, però, tilqa' biss l-ewwel talba u tiddikjara illi l-attur Massimiliano Martone huwa legalment l-uniku azzjonist proprjetarju ta' l-azzjonijiet fis-soċjetà Malta & Europe Hotels Ltd. u dana għar-raġunijiet fuq mogħtija peress li huwa d-detentur u preżentement jippossjedi dawn l-ishma;

Il-Qorti trid ta' bilfors tirrimarka illi dan huwa l-istat fattwali eżistenti llum però li l-materja għada sa ċertu punt *sub judice* fil-kawża l-oħra fuq imsemmija;

Jingħad ukoll f'dan l-istadju li kuntrarjament għal dak li ġie indikat l-attur f'din il-kawża ġie kjamat fil-kawża l-oħra;

Huwa ovvju li t-tieni talba tinstab *sub judice* u li l-pretensjonijiet tal-konvenuti qegħdin jiġu dibattuti fil-kawża l-oħra fuq imsemmija. Din il-Qorti għalhekk trid ta' bilfors tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba;

Tiċħad it-tielet talba għax kif korrettement sostna l-perit legali ma inġabux provi suffiċjenti biex dik it-talba tista' tintlaqa';

Dwar spejjeż in linea ma' dak deċiż fil-meritu dawn għandhom jkunu terz a kariku ta' l-attur, terz a kariku tal-konvenuti Pace personalment u terz għas-soċjetà konvenuta M.I.D.C. Limited. Il-konvenut Bonello ma għandux ibati spejjeż f'din il-kawża.